# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT

### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### Seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar, 2002

**Numru 42**

**Avviz numru 927/01DM**

**United Automobile Limited**

**vs**

**Rose Marie Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u wiehed u sebghin lira maltin u ghoxrin centezmu (Lm1871.20) ammont dovuti minnha lilhom rapprezentanti import ta' sittax (16) il-kambjala ta' Lm116.95 il-wahda li mmaturaw fil-hamsa ta' kull xahar minn Awissu 2000 sa Novembru 2001 (iz-zewg xhur komprizi) liema kambjali inhargu wara bejgh u konsenja ta' karozza Astra numru CCC-777.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju, 2001 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment ma l-avviz. U bl-interessi li jiddekorru mid-data tal-maturazzjoni ta' kull kambjala ghall-ammont indikat f'kull kambjala sad-data tal-hlas effettiv. Bil-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ili l-konvenuta debitament notifikata la dehret biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret ghas-seduta tallum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll il-kambjalijiet originali esebiti minn Jason Galea prodott mill-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elf tmien mija wiehed u sebghin lira maltin u ghoxrin centezmi (Lm1871.20c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz oltre l-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mid-data tal-maturazzjoni ta' kull kambjala.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Magistrat

A. Farrugia
Dep.Reg.

va

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## SEDE CIVILI

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar, 2002**

**Numru 42**

**Avviz numru 927/01DM**

**United Automobile Limited**

**vs**

**Rose Marie Portelli**

**Jason Galea prodott mill-kumpanija attrici bil-malti bil-gurament jghid:**

Jien l-accountant tal-kumpanija attrici u nista' nikkonferma li l-kumpanija attrici ghadha kredittrici tal-kumpanija attrici fis-somma ta' elf tmien mija wiehed u sebghin centezmi u ghoxrin centezmi (Lm1871.20c) l-import ta; sittax-il kambjala. Dawn il-kambjalijiet huma sittax-il wahda u mmaturaw bejn il-5 t'Awissu, 2000 u l-5 ta' Novembru 2001 u jiena qed nesibihom u qed jigu mmarkati bhala dokument JG 1 sa dokument JG 16.

Din hi s-sustanza tax-xhieda ta' Jason Galea dettata fil-presenza tieghu stess.

Magistrat

Niddikjara li traskrivejt fis-sewwa u fedelment u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.

V. Attard
Traskrittrici